A.L. 215 ta' l-2001

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2001 dwar it-Tniġġis ta' l-Arja mill-Ożonu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3, 9 u 28 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar it-Tniġġis ta' l-Arja mill-Ożonu.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu ħekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż magħmul skond is-subregolament (2) ta' dawn ir-regolamenti jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji li jidħru lill-Ministru li jkunu meħtieġa jew spedjenti in konnessjoni mad-disposizzjonijiet li jkunu qed jinġiebu fis-seħħ.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent taħt id-direzzjoni tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpi jew persuni differenti jistgħu jiġu ħekk imsemmija bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"limitu ta' avviż lill-popolazzjoni" tfisser il-valur ta' konċentrazzjoni ta' l-ożonu mogħti fl-Anness I, punt 4, li meta dan jinqabeż ikun hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem fil-każ ta' esposizzjoni li ma ttulx u f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi stabbiliti f'dawn ir-regolamenti;

"limitu ta' informazzjoni dwar tniġġis" tfisser il-valur ta' konċentrazzjoni ta' l-ożonu mogħti fl-Anness I, punt 3, li meta jinqabeż ikun hemm effetti limitati u temporanji fuq is-saħħa tal-bniedem jekk ikun hemm esposizzjoni għal żmien qasir ta' setturi partikolarment sensittivi tal-poplazzjoni u li fih jittieħdu passi mill-awtorità kompetenti kif stabbiliti f'dawn ir-regolamenti;

"limitu ta' protezzjoni għas-saħħa" tfisser il-valur ta' konċentrazzjoni ta' l-ożonu mogħti fl-Anness I, punt 1, li m'għandux jinqabeż jekk is-saħħa tal-bniedem għandha tiġi salvagwardjata f'każ ta' episodji ta' tniġġis imtawwla;

"limiti ta' protezzjoni għall-veġetazzjoni" tfisser il-valuri ta' konċentrazzjoni ta' l-ożonu mogħtija fl-Anness I, punt 2, li meta jinqabeż tista' tintlaqat il-veġetazzjoni.

Proċedura armonizzata.

3. L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex tiġi stabbilita proċedura armonizzata għas-sorveljar, għall-bdil ta' informazzjoni, biex il-popolazzjoni tiġi informata u avżata għar-rigward tat-tniġġis ta' l-arja bl-ożonu hekk li l-awtorità kompetenti tkun tista' tikseb għarfien iktar mifrux dwar din l-għamla ta' tniġġis ta' l-arja, ittejjeb sa l-ogħla grad l-azzjoni meħtieġa biex titnaqqas il-formazzjoni ta' l-ożonu u tiggarantixxi l-inqas ammont ta' informazzjoni pubblika meta jinqabżu l-limiti ta' konċentrazzjoni kif imsemmija fil-punti 3 u 4 ta' l-Anness I ma' dawn ir-regolamenti.

Dmirijiet ta' l-awtorità kompetenti.

4. L-awtorità kompetenti għandha tikkoordina l-implimentazzjoni tal-proċedura armonizzata stabbilita fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

Stazzjonijiet fejn isir il-kejl.

5. L-awtorità kompetenti għandha fejn ikun meħtieġ taħtar jew tistabbilixxi stazzjonijiet fejn isir il-kejl sabiex jipprovdu kull data meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti. L-għadd u fejn ikunu jinsabu dawn l-istazzjonijiet għandu jkun determinat mill-awtorità kompetenti f'konformità ma' l-Anness II.

Kejl tal-konċentrazzjoni ta' l-ożonu.

6. (1) Għall-kejl tal-konċentrazzjoni ta' l-ożonu, l-awtorità kompetenti jew l-istazzjonijiet fejn isir il-kejl għandhom jużaw:

(a) jew il-metodu ta' referenza msemmi fl-Anness V;

(b) jew kull metodu ieħor ta' analiżi għà ppruvat li jipproduċi riżultati ta' kejl ekwivalenti għal dawk li jinkisbu meta jintuża l-metodu ta' referenza.

(2) L-awtorità kompetenti għandha taħtar laboratorju wieħed jew aktar li jkunu responsabbli biex jevalwa l-metodu użat fuq skala nazzjonali għar-rigward tal-metodu ta' referenza msemmi f'dawn ir-regolamenti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha torganizza fuq skala nazzjonali l-kampjuni ta' l-wieħed u l-ieħor mill-laboratorji li jieħdu sehem fil-ġbir u l-analiżi ta' kull data.

Meta jinqabżu ċerti valuri.

7. Fil-każ li l-valuri mogħtija fl-Anness I, punti 3 u 4, jinqabżu, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tinforma lill-pubbliku skond Anness IV.

Reati taħt dawn ir-regolamenti.

8. Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:-

(a) tonqos milli thares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtiega imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli thares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtiega imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Piena.

9. Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, sid dik il-vettura, meta dan ikun japplika, jkun responsabbli bl-istess mod u fl-istess qies:

Iżda wkoll il-qorti għandha tordna lil persuna li tkun insabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti tħallas għall-ispejjeż imġarrba mill-entitajiet pubbliċi u/jew persuni oħra mqabbda minnhom involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u biex tiġi rranġata l-ħsara kkawżata lill-ambjent b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Pulizija u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

10. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Annessi.

11. L-Annessi I sa V li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu ppubblikati fil-lingwa Ingliża flimkien mat-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.